**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.**

**Illum il-Gimgha, 4 ta' Mejju 2001**

**Numru 21**
**Citaz. Nru. 1236/98 FDP**

**Maltacom p.l.c.**
**Vs**
**International Fire & Safety Training School Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li biha is-socjeta` attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi skond id-dokumenti relattivi annessi mac-citazzjoni u markati bhala Dok A, B, C, D, u E, kif ukoll skond ir-regolamenti vigenti li jirregolaw l-uzu tas-servizzi moghtija mill-Korporazzjoni Telemalta (awtrici ta' Maltacom p.l.c.), is-socjeta` konvenuta ghandha taghti lis-

socjeta` attrici s-somma ta' tmintax-il elf tlett mija u Lira Maltija u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm18,301.23), in konnessjoni mas-servizz tat-telefon relattiv ghal-linji bin-numri sitta tmienja wiehed tlieta disgha hamsa (681395), sitta tmienja wiehed zero hamsa hamsa (681055), sitta tmienja zero zero tmienja sitta (680086), sitta tmienja tmienja sebgha sebgha wiehed (688771), sitta tmienja erbgha sebgha ergbha sebgha (684747), sitta tmienja tmienja tmienja tmienja tmienja (688888), u l-linja ghat-telex bin-numru wiehed hamsa hamsa tmienja (1558), skond il-prospetti annessi mac-citazzjoni u mmarkati bhala Dok F, G, H, I, J, K, u L;

Premess illi s-socjeta` konvenuta interpellata biex thallas baqghet inadempjenti;

Premess illi dan id-dejn huwa cert, likwidu u ezigbbli;

Talbet ghalhekk is-socjeta` attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddeciedi l-kawza skond it-talba tas-socjeta` attrici bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tmintax-il elf tlett mija u lira Maltija u tlieta u ghoxrin centezmu (lm18,301.23);

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tat-taxxa tas-sisa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta` konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess socjeta` attrici, il-lista tax-xhieda minnha indikati, u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat li s-socjeta` konvenuta ghalkemm debitament notifikata wara d-digriet tas-16 ta' Ottubru 1998, baqghet ma pprezentatx nota ta' l-eccezzjonijiet taghha u anqas qatt deher xi rapprezentant ta' l-istess socjeta` f'xi wahda mid-diversi Udjenzi li nzammu f'din il-kawza;

Semghet lir-rapprezentanti tas-socjeta` attrici u lid-difensur taghha;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Illi s-socjeta` attrici intavolat din il-kawza biex is-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' Lm18,301.23 ghal servizzi ta' telefonati u telex dovuti fuq diversi linji provduti mis-socjeta` attrici a favur dik konvenuta;

Illi r-rapprezentant tas-socjeta` attrici esebixxa kopji ta' diversi ftehim li kienu gew iffirmati

mis-socjeta` konvenuta ghal diversi linji tat-telefon u esebixxa wkoll id-dokumenti ancillari u inoltre prospett tas-sejhiet u s-servizzi relattivi;

Illi din il-pretensjoni giet ukoll ikkonfermata fl-ahhar Udjenza u dan peress li l-proceduri kienu twalu principalment minhabba diffikulta` biex issir in-notifika tas-socjeta` konvenuta;

Illi s-socjeta` konvenuta ma resqet ebda prova inkontrarju ghal dawk imressqa mis-socjeta` attrici u ghalhekk jidher illi s-socjeta` attrici rnexxielha tipprova sodisfacentement il-premessi taghha.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tilqa' t-talba attrici kif dedotta fic-citazzjoni.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra s-socjeta` konvenuta.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur